**Awguri u merħba lil Fabio Cini**

Hekk ftit tal-jiem ilu d-djaknu Marlon ħalla xtutna biex jibda l-esperjenza tiegħu ġewwa Ruma, issa ser ikollna magħna lil Fabio Cini, seminarist li jekk Alla jrid, fl-aħħar ta' din is-sena pastorali ser jiġi ordnat ukoll djaknu. Fabio ser ikompli fuq il-passi tad-Djaknu Marlon billi jkun preżenti mal-grupp sabiħ tal-abbatini tagħna u mal-adolexxenti taċ-Ċentru. Huwa ser jgħin ukoll fit-tqarbin tal-morda ta' kull ġimgħa u jippartecipa f'diversi laqgħat oħra tal-parroċċa. Nitolbu għalih u nagħmlulu kuraġġ fil-mixja vokazzjonali tiegħu.

**Il-ġabra għall-Hospice Malta** ser issir fil-parroċċi kollha ta' Għawdex matul il-quddies kollu ta' dan il-weekend, 27/28 ta' Settembru. Ser ikun hemm membri li jiġbru l-offerti tagħna ħdejn il-bibien tal-knisja wara l-quddies. Bis-saħħa tal-għajnuna tagħna ser inkunu ta' sapport kbir għal tant nies milquta mill-mard tal-kanċer li jeħtieġu kura u servizzi mediċi speċjali. Ngħinu mill-aħjar li nistgħu.

**Bdil fil-ħin tal-quddiesa ta' filgħaxija**: minn nhar it-Tnejn 29 ta' Settembru l-aħħar quddiesa mit-Tnejn sas-Sibt ser tibda tkun fis-6.30pm.

**L-ewwel Ġimgħa tax-xahar**, fit-3 t'Ottubru, filgħaxija wara l-quddiesa tal-5.00pm fil-knisja ser issir is-Siegħa tal-Ħniena Divina. Ejjew ninġabru madwar il-Ħniena t'Alla sabiex nitolbuh iħenn għalina u għad-dinja kollha, speċjalment f'dan iż-żmien ta' inċertezzi u gwerer kbar.

**ĦINIJIET TAL-MUSEUM TAS-SUBIEN**

Il-klassijiet il-ġodda fil-Museum tas-subien ser jibdew nhar it-Tnejn 29 ta' Settembru.

**Years 1, 3 u 5: it-Tnejn u l-Ħamis**
Il-ground jiftaħ fil-5.30pm.
Lezzjonijiet: 6.00pm - 6.30pm

**Years 2, 4 u 6: it-Tlieta u l-Ġimgħa**
Il-ground jiftaħ fil-5.30pm.
Lezzjonijiet: 6.00pm - 6.30pm

**Forms 1 - 5: it-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa**
Il-ground jiftaħ fis-6.30pm.
Lezzjonijiet: 7.00pm - 7.30pm

Għal dawk li joqogħdu bogħod mill-qasam ikun hemm is-servizz tal-vann wara l-lezzjoni.

**Il-grupp tal-Caritas tan-Nadur**, matul ix-xahar t'Ottubru, bħas-snin li għaddew qed jorganizza ġabra tal-ikel għall-karità. Tistgħu tgħinu billi tħallu preserves, kafè, te, għaġin, żejt u affarijiet li jservu fit-tul, fil-qfief ta' maġenb il-bibien prinċipali tal-knisja. Dawn imbagħad ser jiġu mqassma lil diversi istituzzjonijiet f'Għawdex u familji li huma fil-bżonn. Grazzi mill-qalb.

**Dati taċ-Ċelebrazzjoni tas-Sagramenti 2026**

L-Ewwel Tqarbina se tkun il-Ħadd 31 ta' Mejju 2026, fl-10.00am.

Il-Griżma tal-Isqof se tkun il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju 2026, fis-6.00pm.




**Grazzi speċjali lil Jacob Portelli** li b'mod volontarju qiegħed jaħdem fuq inventarju diġitali ta' mużika oriġinali jew li kienet tappartjeni lill-Arċipriet Toninu Camilleri, li s-sena dieħla nfakkru l-100 sena mill-mewt tiegħu. Dan ix-xogħol hu apprezzat immens għall-istorja artistika ta' raħalna u seta' jiswiena ħafna flus kieku ma kienx għall-ġenerożità u d-dedikazzjoni sħiħa tiegħu.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am